Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6076/19

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0422(NLE)**

FISC 98
N 12
ECOFIN 115

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 15503/18 + ADD 1 - COM(2018) 832 final |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud<br>– Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit f'konformità mal-Artikolu 41(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud[1].

2. It-test li rriżulta mid-diskussjonijiet bejn id-delegazzjonijiet, li wassal għal qbil unanimu fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa, ġie ppreżentat għal rieżami mill-ġuristi-lingwisti. Ir-riżultat ta' din il-ħidma jinsab fid-dok. 5965/19 FISC 94 N 2 ECOFIN 97.

[1] Dok. 15503/18 FISC 558 N 67 ECOFIN 1197 + ADD 1.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, **id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud**, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti fid-dok. 5965/19 FISC 94 N 2 ECOFIN 97.